# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju, 2001**

**Numru 20**

**Cit. Nru. 1717/98 RCP**

**Joseph Attard u Anette Attard, mizzewgin**

**vs**

**Awtorita' ta' l-Ippjanar, u l-Kummissarju ta' l-Artijiet**

## I. Preliminari

1. Din hija kawza dwar stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Din is-sentenza tittratta dwar aspett procedurali li qam l-ewwel darba fl-appell. Ghalhekk il-fatti u aspetti ohra li m'humiex strettament necessarji u rilevanti ghal din is-sentenza sejrin jithallew barra biex jigi evitat tul bla bzonn.

2. Fil-21 ta' Awissu, 1998, il-konjugi Joseph u Anette Attard ("l-atturi appellanti") intavolaw citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili li biha allegaw li l-konvenuti, cioe' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ("l-ewwel appellat") u l-Kummissarju ta' l-Artijiet ("it-tieni appellat"), jew min minnhom, kienu agixxew b'mod irregolari u abuziv fil-konfront taghhom, skond kif spjegaw fil-premessi ta' l-istess citazzjoni taghhom. L-atturi appellanti talbu lill-Qorti (1) tiddikjara lil-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni li kkawzawlhom; (2) tillikwida d-danni hekk sofferti; u (3) tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, li jhallsu d-danni hekk likwidati – bl-imghax u bl-ispejjez.

3. L-att tac-citazzjoni, kif ukoll l-avviz ghas-smiegh tal-kawza, gew notifikati liz-zewg konvenuti fis-26 ta' Jannar, 1999. L-ewwel appellat ipprezenta debitament in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fit-2 ta' Frar, 1999, izda t-tieni appellat ma pprezentax nota ta' eccezzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti.

4. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2000, l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ta' l-ewwel appellat. B'din l-eccezzjoni gie allegat li l-Qorti ma kellhiex il-gurisdizjoni li tissindika d-decizjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigwardanti l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, ECF 396/97 tad-9 ta' Settembru, 1997. Dana billi gie allegat li l-atturi ma kienux ikkontestaw dak l-avviz b'appell quddiem il-Bord ta'

l-Appell dwar l-Ippjanar, u ovvjament lanqas kienu appellaw quddiem din il-Qorti ta' l-Appell dwar xi punt ta' ligi. Fi kliem iehor, l-ewwel appellat qieghed jinvoka d-disposizzjoni kontenuta fis-subartikolu 4 ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi eccepixxa li l-ewwel Qorti ma kellhiex id-dritt li tissindika, fil-kuntest ta' l-artikolu 469A ta' l-istess Kap 12, l-operat ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fil-hrug ta' l-imsemmi Avviz ta' Twettiq. Ir-raguni li nghatat kienet li l-atturi appellanti ma kienux inqdew bir-rimedji li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom skond l-artikolu 15 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, cioe' l-Att Nru. 1 ta' l-1992.

5. B'sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju, 2000, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li qieset is-sottomissjonjiet tal-partijiet dwar din l-ewwel eccezzjoni ta' l-ewwel appellat, iddecidiet li tilqa' l-istess eccezzjoni u ghalhekk illiberat lill-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta' l-atturi. Kif gie accennat fil-bidu tas-sentenza odjerna, m'hemmx il-htiega li l-motivazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tigi riprodotta hawn. Dana billi s-sentenza odjerna ma hijiex sejra tirrevedi l-istess motivazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti dwar din l-eccezzjoni, izda sejra tinvesti aspett procedurali li ma tqajjimx quddiem dik il-Qorti.

6. L-atturi appellanti appellaw minn din id-decizjoni b'rikors ta' l-appell li ntavolaw fid-9 ta' Gunju, 2000. Ghar-ragunijiet li spjegaw fih, huma talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati – bl-ispejjez.

7. L-ewwel appellat, fir-risposta tieghu, ssottometta li s-sentenza appellata kienet gusta. Huwa spjega ghaliex, fil-fehma tieghu, dan kien hekk u talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjez.

8. It-tieni appellat, li kif diga' intqal ma kienx ghadu ipprezenta nota ta' eccezzjonijiet sad-data li fiha nghatat is-sentenza appellata, issolleva eccezzjoni ta' natura procedurali, fir-risaposta ta' l-appell tieghu. Huwa invoka s-subartikolu 3 ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa sostna li jekk jirrizulta li l-Avukat Generali ma giex notifikat ukoll b'kopja tac-citazzjoni, allura t-terminu ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet da parti tat-tieni appellat, fil-fatt ghadu ma bediex jirrikorri, skond l-imsemmija disposizzjoni.

## II. Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2000, il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-imsemmi punt procedurali sollevat l-ewwel darba fir-

risposta tat-tieni appellat. L-imsemmi subartikolu 3 ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi hekk:-

> "Kull rikors, citazzjoni, jew att gudizzjarju iehor maghmul kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lil kull kap ta' Dipartiment tal-Gvern li kontra tieghu jkun dirett u lill-Avukat Generali, u kull terminu biex issir risposta jew nota ta' l-eccezzjonijiet dwar Att bhal dak minn kull Kap ta' Dipartiment tal-Gvern li jkun konvenut jew intimat fi proceduri gudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-Att jigi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern li kontra taghom ikun dirett u lill-Avukat Generali. In-notifika lill-Avukat Generali issir bla hlas lir-Registratur".

10. Kif diga' intqal, ic-citazzjoni odjerna saret kemm kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u kemm ukoll kontra l-Gvern, kif rapprezentat mill-Kap tad-Dipartiment li hu inkarigat mill-materja meritu tal-kawza odjerna, cioe' il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Skond l-imsemmi subartikolu, kopja tac-citazzjoni kellha, allura, tigi notifikata mhux biss lit-tieni appellat, izda wkoll lill-Avukat Generali. Is-sanzjoni komminata mil-ligi espressament ghan-nuqqas ta' osservanza ta' din ir-regola hija li t-terminu li fih kellha tigi prezentata n-nota ta' eccezzjonijiet da parti ta' dan it-tieni appellat, effettivament, ma bediex jiddekorri.

11. Minn ezami tal-process jirrizulta li l-atturi appellanti nnotifikaw kopja tac-citazzjoni lit-tieni appellat, <u>izda</u> ma hadux hsieb li jaraw li kopja tac-citazzjoni tigi <u>wkoll</u> notifikata lill-Avukat Generali, skond kif jordna l-imsemmi sub-artikolu appena citat.

12. Quddiem l-ewwel Qorti hadd mill-partijiet ma ghamel accenn ghal dan is-subartikolu. Inoltre, is-sentenza appellata tidher li njorat l-ezistenza ta' l-istess sub-artikolu billi, inter alia, hemm dan il-kumment:-

> "Rat illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet, ghalkemm debitament notifikat fis-26 ta' Jannar, 1999, bic-citazzjoni u l-Avviz tas-smiegh, baqa' ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu".

13. Evidentement, dan il-kumment ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ma huwa xejn preciz billi, skond id-disposizzjoni tal-ligi citata, biex l-imsemmi konvenut, cioe' il-Kummissarju ta' l-Artijiet kellu jitqies li kien "debitament" notifikat, kien jehtieg mhux biss li huwa nnifsu jkun hekk notifikat, izda kien necessarju wkoll li ssir notifika addizzjonali ta' kopja tac-citazzjoni lill-Avukat Generali. La darba din in-notifika jirrizulta li ma saritx, isegwi li t-terminu fatali ghall-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet, fil-fatt, qatt ma beda jiddekorri. Ghalhekk, f'dan il-kontest, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienetx preciza meta rriteniet li l-konvenut "baqa' ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu". Dana billi, b'applikazzjoni tas-subartikolu citat, t-terminu ghall-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet effettivament ma bediex jiddekorri.

14. Isegwi allura li kienet skorrettezza procedurali li l-kawza thalliet titmexxa 'l quddiem u sahansitra thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel

eccezzjoni ta' l-ewwel appellat, daqs li kieku n-notifiki kollha kienu regolari u daqs li kieku t-tieni appellat kien kontumaci skond il-ligi.

15. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li tirrevoka s-sentenza appellata ghaliex b'hekk biss il-partijiet jistghu jitqeghdu mill-gdid fil-posizzjoni li kienu fiha qabel ma bdiet tigi trattata l-kawza u qabel ma giet ippronunzjata l-imsemmija sentenza. B'hekk biss il-kawza tkun tista' tkompli timxi billi ssir n-notifika tal-kopja tac-citazzjoni lill-Avukat Generali skond il-ligi. A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti qeghda thalli kompletament impregudikat il-meritu propju dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-ewwel appellat, li gie diskuss u deciz fis-sentenza appellata billi, kif diga' intqal, is-sentenza odjerna tikkoncerna punt procedurali li qam l-ewwel darba quddiem din il-Qorti ta' l-Appell.

16. Din il-Qorti hija konxja mill-fatt li d-disposizzjoni nvokata mit-tieni appellat taghtih certu vantagg li, m'huwiex certament moghti lil konvenuti ohra li ma jinzertawx li huma kapijiet tal-Gvern. Kif rajna, kien biss quddiem din il-Qorti li t-tieni appellat qajjem il-kwistjoni tan-nuqqas tan-notifika debita tieghu bl-att tac-citazzjoni. Wiehed jinnota li dan it-tieni appellat ma ressaq assolutament ebda motiv li seta' talvolta jiggustifika inerzjja kompleta tieghu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun u gust li jkun hemm temperament f il-kap ta' l-ispejjez.

17. Ghal dawn il-motivi:

Tirrevoka, fis-sens premess, is-sentenza appellata, u tordna li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex il-kawza tiehu l-kors normali taghha, wara li ssir id-debita notifika ta' kopja ta' l-att tac-citazzjoni lill-Avukat Genrali. L-ispejjez tas-sentenza appellata, kif ukoll l-ispejjez ta' din is-sentenza odjerna jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi appellanti u kwantu ghan-nofs l-iehor mit-tieni appellat, cioe' il-Kummissarju ta' l-Artijiet

Dep/Reg

mm